# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 1523

Kaz 1801/AC

Fit-Tilwima tax-Xoghol

Bejn

Playmobil (Malta)

u

General Workers' Union

dwar nuqqas ta' qbil dwar it-terminazzjoni ta' l-impieg tal-"part timers" minhabba tibdiliet fil-hin tax-xoghol tas-socjeta.

Illum il-Hamis 8 ta' Lulju 2004

**Chairman : Is-Sur Alphonse Caruana**
**Membru : Is-Sur Michael J. Mallia**
**Membru : Is-Sur Francis Coleiro**

**Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie rreferit lit-Tribunal Industrijali minn l-Onor. Dr. Lawrence Gonzi Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Politka Socjali permess ta' ittra Ref : MSP/2/97/73 datata 1 ta' Settembru 2003 dwar tilwima ta' xoghol biex tigi pprocessata skond l-Att Dwar Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452) tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Playmobil (Malta) li ghaliha qed tidher Ms Helga Ellul, Chief Executive Officer, assistita mill-Avukatessa Dr Vanessa Borg LL.D. aktar 'l quddiem tissejjah is-socjeta;

illi l-General Workers' Union li ghaliha qed jidher is-Sur Gietu Mercieca, Segretarju assistit mill-Avukati Dr Marvic DeBarro LL.D. u Dr Aron Mifsud Bonnici LL.D. aktar 'l quddiem tissejjah il-Union.

It-Tribunal zamm erba' (4) seduti.

**Stqarrija tal-kaz**

Illi s-socjeta fl-Istqarrija tal-Kaz tghid illi timpjega haddiema ghal erba' sighat kull jum b'manjiera flessibbli.

Illi recentament is-socjeta marret go fabrika gdida, ghamlet investiment fuq makkinarju u *equipment* li jammonta ghal Lm1,500,000 biex tkun tista' tlahhaq mal-kompettivita. Dan sar sabiex tkun tista' thaddem il-makkinarju efficjentament erba'-u-ghoxrin siegha kuljum.

Illi b'rizultat ta' dan il-haddiema *part-time* ma jiffittjawx f'ebda *shift* iehor izjed minhabba il-hinijiet tax-xoghol differenti.

Illi l-kumpanija kienet informat lil dawn il-*part-timers* fil-21 ta' Lulju 2003 bil-hsieb illi tittermina s-sistema tax-xoghol *part-time* ghar-ragunijiet imsemmija. Fl-istess laqgha l-kumpanija informat ukoll lill-impjegati *part-time* illi billi huma impjegati ttrenjati u ta' esperjenza kienet qed toffrilhom xoghol ta' *full time* fuq sistema ta' *shift*.

Illi l-maggoranza kbira tal-haddiema accettaw li jsiru *full-time* izda wara irtiraw minn dak li qalu. Illum il-kumpanija ma hix f'pozizzjoni li toffri lil dawn il-haddiema *part-timers* izjied impieg.

Illi l-kumpanija temmen illi ma ghandiex tkompli zzomm fl-impieg lill-haddiema *part-time* li ma jridux jahdmu skond it-tibdil mehtieg ghall-produzzjoni.

Il-General Workers' Union fl-Istarrija tal-Kaz tghid illi l-*part-timers* ghandhom il-kundizzjonijiet taghhom f'dan il-kaz regolati b'Ftehim Kollettiv tas-sena 2001.

Illi referenza partikolari ghandha ssir ghal paragrafu 4 tal-Ftehim Kollettiv li jghid car illi "*the terms and conditions of employment, which shall apply to employees*

*of the company, including those with reduced hours and part-timers on an indefinite contract governed by this agreement shall be those as agreed between the company and the union and as provided in this agreement"*

Illi ghandu jkun importanti l-principju baziku tal-ligi *"pacta sunt servanda"*. B'referenza ghall-kuntratti privati, pattijiet kontenuti u klawzoli huma ligi bejn il-partijiet, li jimplika illi kull nuqqas ta' obbligazzjonijiet huwa ksur tal-patt.

Illi dan il-principju u wkoll sustanzjat b'decizjonijiet tal-Qorti lokali bhal "Eric Schembri u Paul Bezzina ghan-nom u in rapprezentanza ta' Mediterranean Insurance Brokers Limited u M.I.B. Holding Co. Ltd. vs Lewis Baldacchino fejn il-Qorti qalet illi *"Fil-fehma tal-Qorti, il-qofol u l-pedament ta' kull ligi li qatt saret biex tirregola il-konvivenza socjali bbazata fuq l-obbligazzjoni sa mill-bidu - cioe' ir-rationalis principium* huwa *l-pacta sunt servanda"*

Illi din il-klawzola tigi miksura bid-decizjoni tal-kumpanija li tittermina lill-*part-timers* meta l-ligi specifikament tinkludi li *part-timers* fuq kuntratt indefinit bhala impjegati tal-kumpanija.

Illi ghandha issir referenza ghal klawsola 10 tal-Avviz Legali 427 tas-sena 2002 li tindirizza l-*Part-Time Employees Regulations*.

Illi huwa car li l-kumpanija tkun qed tikser sew il-proviso ta' l-*Employment and Industrial Relations Act* tas-sena 2002 kif wkoll il-Ftehim Kollettiv ghax ma tkunx qed tosserva r-regolamenti taghhom.

Illi tissottometti lil dan l-Onorabbli Tribunal li jiddikjara li l-azzjoni proposta tal-kumpanija li tittermina l-*part-timers* kollha fil-produzzjoni bhala ngusta u llegali u li tordna lill-kumpanija tghoqod ma' klawsola 4 tal-Ftehim Kollettiv u tirrevedi l-proposta taghha.

## Xhieda

Ms Helga Ellul, *Managing Director, Playmobil Malta Ltd* u s-Sur Geitu Mercieca *Secretary (Chemical Section), General Workers' Union.*

## Provi

Is-Sinjura Helga Ellul, *Managing Director* tas-socjeta, xehdet illi fl-ahhar tas-sena 2003 is-socjeta marret go fabrika gdida. Is-socjeta ghamlet program ta' investiment aggressiv fejn sa April ta' din is-sena gie nvestit madwar zewg miljuni liri Maltin f'makkinarju gdid b'teknologija gdida li huwa; *packaging machines, printing machines, fully automatic printing machines* u makkinarju iehor. Is-socjeta ghandha "a very very full order book" Biex jigi wtilizzat dan l-investiment kollu dan il-makkinarju gdid irid jigi applikat erba' u ghoxrin siegha kull jum. Ms H.Ellul xehedet li b'dan il-program ta' xoghol kellhom jigu avvicinati l-impjegati kollha *full-time* kif ukoll impjegati ohra li jahdmu b'*flexi-time* li huma dsatax fuq *flexi-time* u erba' *part-time* li jahdmu erba' sighat li b'kollox huma tlieta u ghoxrin impjegat li ilhom jahdmu mas-socjeta minn 1990. Din is-sistema ta' xoghol *flexi-time* nbdiet fin-1990 meta s-socjeta kienet inkuraggiet lil eks-impjegati, generalment nisa tal-familja biex jigu lura mas-socjeta u jahdmu b'din is-sistema. Dana kien tajjeb peress li kien bis-sahha taghhom jimtela vojt meta x-xoghol kien bil-gurnata ta' tmien sighat. Bhala impjegati dejjem kienu tajbin hafna, jifhmu fix-xoghol u b'*performance* tajba, qatt ma kien hemm problema ma' dawn l-impjegati. Is-socjeta issostni illi attwalment ghandhom jigu *redundant* izda offritilhom li jkunu *full-time* anki b'rispett ghaz-zmien li ilhom u thargu mas-socjeta. Ix-xhud qalet ukoll illi huma ddiskutew dan is-suggett fit-tul mas-*shop stewards* u dawn qablu mal-proposta. Is-socjeta ma sfurzatx ghal *full-time* ghax jidrilha li huwa kaz car ta' *redundancy*. L-offerta ghal *full-time* giet maghmula minhabba x-xoghol li hemm.

Is-Sur Geitu Mercieca, *Segretarju Sezzjonali tal-General Workers' Union* qal fix-xhieda tieghu illi hu kien informat bil-kaz f'xi Gunju Lulju 2003 meta s-*shop stewards* cemplulu u nformawh illi s-socjeta ghandha xi haddiema *part-time* li trid

taqlibhom ghal *full-time*. Qal li hemm impjegati li ftit tax-xuhur ilu kienu talbu biex jahdmu *part-time* ghal ragunijiet familjari u s-socjeta accettat; ma dawn, is-Sur Geitu Mercieca qal li kien hemm min ilu jahdem snin *part-time*, w issa l-kumpanija trid li jaccettaw li jaqilbu ghal *full-time* inkellha jispiccaw mix-xoghol.

Biex jintlahaq ftehim saret laqgha mas-Sur Frank Pullicino, *Direttur Tad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u Impieg;* gie ttrattat dan il-kaz dejjem fil-prezenza tas-socjeta fejn hareg mid-diskussjoni illi s-socjeta qed tikser il-ligi meta tisfurzhom bilfors li jmorru ghal *full-time*. Wara din il-laqgha s-socjeta zammet lil dawn l-impjegati *part-time*. Is-Sur Geitu Mercieca qal ukoll illi dawn il-*part-timers* huma koperti bil-Ftehim Kollettiv bl-istess kundizzjonijiet tal-haddiema l-ohra.

Is-Sinjura Helga Ellul, *Managing Director,* meta xehedet ghat-tieni darba qalet li n-numru ta' impjegati fis-socjeta hu ta' seba' mija, tlieta u ghoxrin li tlieta u ghoxrin minnhom huma *part-timers*. Lura lejn l-ahhar tas-sena 2003 kien hemm zbatax minnhom li accettaw li jaqilbu ghal *full-time* wara li kienu kelmuhom; ghaldaqstant il-kwistjoni hi dwar is-sitta li ma accettawx. Mistoqsija mid-difensur tas-socjeta x-xhud qalet li ma taqbilx ezatt ma' dak li qal is-Sur Geitu Mercieca rigward li s-socjeta sfurzathom biex jaqilbu ghal *full-time* ghaliex il-punt quddiem id-Direttur kien fuq *redundancy* u offerta ta' *full-time*; sostniet li d-Direttur ma ta l-ebda *ruling* fil-laqgha.

## Kunsiderazzjonijiet

Dan hu kaz fejn ghandek socjeta li thaddem il-fuq minn seba' mitt impjegat u numru zghajr ta' *part-timers* li jammonta ghal tlieta-w-ghoxrin. Is-socjeta ghandha Ftehim Kollettiv mal-*Chemical and General Workers' Section* tal-General Workers' Union illi artiklu erba' jghid, "*The terms and conditions of employment, which shall apply to employees of the Company, including those with reduced hours and part-timers on an indefinite contract governed by this Agreement be those as agreed between the Company and the Union and as provided for in this Agreement*".

Is-socjeta ghadha kemm ittrasferiet ghal fabrika ohra u ghamlet somma sostanzjali ta' spejjes ta' madwar zewg miljuni ta' liri Maltin f'makkinarju modern u attrezzat bl'akbar teknologija moderna. Tghid illi ghandha xoghol sostanzjali tant illi s-Sinjura Helga Ellul, *Managing Director,* xehdet li ghandha, "a very very full order book" Biex tlahhaq max-xoghol gie applikat *shift* fejn l-impjegati *part-time* gew mitluba jaqilbu ghal *full-time* jew jekk ma jghamlux hekk ikunu *redundant.* Intqal ukoll illi dawn il-*part-timers* huma kapaci, obidjenti u tajbin fix-xoghol taghhom.

Is-socjeta ssostni illi trid li jaqilbu ghal *full-time* ghax ma ghadhomx aktar jiffittjaw sewwa fis-sistema issa li x-xoghol qed isir bix-*shift.* L-impjegati gew avvicinati mis-socjeta biex jaqilbu ghal *full-time*; kien hemm min accetta li jaqleb u kien hemm sitta li ma accettawx li jaqilbu. Is-Segretarju tat-Taqsima tal-General Workers' Union is-Sur Geitu Mercieca fil-kuntatti tieghu mas-socjeta sostna li s-socjeta ma tistghax tobbliga lill-*part-timers* jaqilbu ghall- *full-time* jekk huma ma jridux peress li huma protetti bil-ligi Industrijali. Invista ta' dan in-nuqqas ta' qbil saret laqgha mad-Direttur tar-Relazzjonijiet Industrijali fejn gie allegat li ntqal li huwa minnu li dawn l-impjegati huma protetti bil-ligi.

Matul is-smiegh tal-kaz s-socjeta qalet illi kull ma qed taghmel ma' dawn il-*part-timers* hu li qed toffrilhom xoghol ghal *full-time* ghax ma ghadx ghandha xoghol ghal *part-time* u dan qed taghmlu biex ma jigux *redundant.* Il-union tghid illi dawn l-impjegati huma protetti sew mill-Ftehim Kollettiv kif ukoll mill-ligi Industrijali. Il-union tgharaf li s-socjeta ghandha xoghol pero tghid illi dak li sar b'ftehim bejn iz-zewg nahat jista' jigi mibdul biss miz-zewg nahat permezz ta' negozjati.

It-Tribunal jifhem illi s-socjeta ghandha l-urgenza tax-xoghol u l-prijorita taghha bil-program ta' xoghol li ghandha, kif ukoll bl-investiment sostanzjali li sar, jara illi t-taqlib fis-sistema tax-xoghol ta' l-impjegati cioe' dak ta' *part-time* ghal *full-time* ghandha tigi solvuta bis-sahha ta' diskussjoni bejn il-partijiet kif hija r-regola u dejjem skond il-Ftehim Kollettiv ezistenti kif ukoll kif dettat mill-ligi Industrijali. Hu

ghalhekk rikomandabbli li jkun hemm negozjati bil-ghan li jintlahaq ftehim responsabbli fic-cirkostanzi.

**Decizjoni**

It-Tribunal Industrijali ra l-Istqarrija tal-Kaz tal-partijiet, ra d-dokumenti esebiti, sema' x-xhieda prodotta u wkoll it-trattazzjonijiet finali tal-partijiet, jaqta' u jiddeciedi din il-Tilwima tax-Xoghol billi jsib illi s-socjeta ma tistghax igieghel lill-impjegati li huma fuq sistema *part-time* jaqilbu ghal sistema *full-time*, minghajr ma jsir qbil dwar dan bejn iz-zewg partijiet. Barra dan it-Tribunal jirrakomanda liz-zewg partijiet biex jghaslu ghal ftehim bejniethom.

Ghal fini ta' Avviz Legali 48 ta' 1986, it-Tribunal qieghed jintaxxa d-drittijiet ta' kull persuna li assistiet fis-somma ta' erbghin lira Maltin (Lm40).

B'hekk tintemm din it-Tilwima tax-Xoghol.

| | | |
|---|---|---|
| **Alphonse Caruana** | **Michael J. Mallia** | **Francis Coleiro** |
| **Chairman** | **Membru** | **Membru** |